# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**
**DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Gimgha 24 ta' Mejju 2002**

**Avviz numru 48/02DM**

**United Acceptances Finance Ltd**

**Vs**

**Michelle Caruana u Omar Caruana in solidum**

**Il-Qorti**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet l-kundanna tal- konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elf, hames mija u ghoxrin liri Maltin (Lm1,520), import ta' kambjali minnhom accettati u ffirmati, kopji ta' liema kambjali huma annessi u mmarkati minn Dok '1' sa '8', liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux ghalkemm gew interpellati biex ihallsu.

Bl-imghaxijiet mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti li jinsabu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma derux biex jikkontesta t-talba attrici, u ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet bil-guramnt lil John Portelli, rat id-dokumenti esibiti issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u wara li rat ukoll n-nota ta' riduzzjoni pprezentata mill-atturi fis-seduta tal-llum stess permezz ta' liema s-sorte gie ridott ghas-somma ta' Lm108 ( mija u tmien liri Maltin).

Il-Qorti qieghdha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-kumpanija attrici s-somma ta' Lm108 ( mija u tmien liri Maltin).

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti in solidum.

Magt Dr D Montebello BA LLD

A. Farrugia
Dep.Reg.

Civil 39